MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 83/2012

**Ryan Briffa**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat il-5 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi fil-15 ta' Mejju, 2012, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet tat erba' (4) sentenzi fil-konfront tar-rikorrenti fuq indikat;

1.2 Illi permezz tal-istess ir-rikorrenti kien komplessivament ikkundannat ghal sitt (6) snin prigunerija flimkien ma’ multa minnu deskritta bhala sostanzjali;

1.3 Illi r-reati addebitati lir-rikorrenti odjerni fl-imsemmija proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fuq indikata kienu principalment dwar:

1.3.1. Sewqan ta’ diversi vetturi minghajr mar-rikorrenti kien jipposjedi id-debita licenzja;

1.3.2. Ir-rikorrenti odjern irrizulta wkoll li kellu sentenza sospiza pendenti fuqu;

1.3.3. L-istess rikorrenti jirrizulta wkoll li kellu xi reati ohrajn konsegwenzjali jew anke indipendenti addebitati lilu;

1.4. Illi kif jirrizulta mill-atti tas-sentenzi fuq riferiti, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel), kemm id-difiza, kif ukoll il-prosekuzzjoni kienu qablu li l-qorti kellha titratta kontestwalment l-akkuzi kollha addebitati lir-rikorrenti odjern biex b’hekk jigi applikat l’hekk imsejjah “*il-kontinwat*”;

1.5. Illi nonostante l-imsemmi ftehim, jidher li l-qorti ikkoncernata fuq riferita, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel), ma qablitx u dan ghaliex sostniet li:

“ir-reat odjern sar b’vettura differenti min dik tar-reati l-ohra”;

1.6. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti odjern jikkontendi sintetikament is-segwenti:

1.6.1. Illi ma kellux smiegh xieraq bi ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

1.6.2. Illi gie ikkundannat ghal piena fuq fatti li ma jikkostitwixxux reat kriminali bi ksur tal-artiklu 7 tal-istess Konvenzjoni Ewropea indikata fil-paragrafu precedenti;

1.7. Illi in vista tal-premess l-istess rikorrenti qieghed jitlob lil din il-qorti biex:

1.7.1. Tiddikjara li hemm ksur tal-artikli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq indikata u tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti Briffa;

1.7.2. Thassar u tannulla l-erba' (4) sentenzi datati l-15 ta' Mejju, 2012, tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kwalita` taghha kif deskritta mill-istess rikorrenti fir-rikors promotur tieghu, (ara fol 3);

1.7.3. Tirrimetti l-atti tal-istess proceduri indikati biex jigu decizi quddiem il-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta u skont il-verbal tal-prosekuzzjoni li fil-konfront ta' Ryan Briffa riedet li jkun applikat l-artiklu 18, (ir-reat kontinwat);

1.7.4. Illi taghti wkoll kull rimedju opportun;

1.7.5. Illi taghti kompens xieraq ghall-vjolazzjonijiet lamentati;

2.0. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata l-11 ta' Dicembru, 2012, li permezz taghha sintetikament espona is-segwenti:

2.1. Illi din il-qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura odjerna u tirrifjuta li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha *ai termini* tal-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li r-rikorrenti m'ezawriex ir-rimedji ordinarji lilu spettanti skont il-ligi;

2.2. Illi ghalhekk ir-rikorrenti mhux intitolat jintavola l-procedura odjerna li fin-natura taghha hi wahda straordinarja u eccezzjonali;

2.3. Illi fil-meritu t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li infondati;

2.4. Illi mill-fatti allegati ma jirrizulta li hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sostenut minnu, senjatament tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

2.5. Illi l-Qorti tal-Magistrati sabet il-htija in dizamina tal-akkuzat rikorrenti odjern a bazi tal-ammissjoni tieghu stess u li imponiet il-pieni hemm inflitti wara li gharblet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz skont il-ligi;

2.6. Illi *di piu`*, l-istess Qorti tal-Magistrati ma kienitx obbligata *ex lege* li tapplika l-ftehim raggunt mill-prosekuzzjoni u d-difiza biex titratta l-erba' (4) kawzi bhala reat kontinwat flok separatament;

2.7. Illi tali direzzjoni mehuda mill-imsemmija qorti bl-ebda mod ma tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif minnu lamentat;

2.8. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li nghata piena ghal fatti li ma jikkostitwux reat kriminali bi ksur tal-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea hi ghal kollox insostenibbli;

3. Illi in vista tal-premess l-intimat ghalhekk talab li din il-qorti ghandha tichad it-talbiet kollha dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

4. Rat il-verbal datat it-12 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu, wara li ghar-raguni hemm espressa l-abbli rapprezentant legali tal-intimat talbet id-debita awtorizzazzjoni, giet debitament awtorizzata tipprezenta nota responsiva ulterjuri, (ara fol 14);

5.0. Rat l-istess nota responsiva ulterjuri datata l-14 ta' Jannar, 2013, (ara fol 17), li permezz taghha l-intimat kompla jesponi sintetikament is-segwenti:

5.1. Illi ghandha ssir distinzjoni bejn is-segwenti sitwazzjonijiet:

5.1.1. Jekk eghmil jikkostitwixxix reat fil-mument meta twettaq;

5.1.2. Jekk eghmil imwettaq mill-akkuzat jammontax ghal reat kriminali;

5.2. Illi l-ewwel ipotesi tinkwadra fl-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq riferita u fl-artiklu 39 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

5.3. Illi t-tieni ipotesi mhix kwistjoni ta' natura kostituzzjonali u ma tiffigurax ghalhekk, la fl-artiklu 7 fuq riferit, u lanqas fl-artiklu 39 (8) fuq ukoll riferit;

5.4. Illi l-intimat isostni li l-fatti tal-procedura odjerna ma jiffigurawx fl-artikli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea fuq riferiti stante li dawn jipprotegu lil dak l-individwu milli jkun akkuzat b'agir li fil-mument li jkun wettqu l-istess agir ma jkunx ikkwalifikat bhala reat – li mhux il-kaz odjern;

5.5. Illi kif isostnu l-Harris, l-Boyle u l-Warbrick f' "*Law of the European Convention on Human Rights*" :

" … for Article 7 to be infringed, the act or omission on the basis of which a person is convicted must not constitute a criminal offence 'at the time when it is committed' ";

5.6. Illi ghandu jkun pacifiku li r-reati li kienu addebitati lill-akkuzat rikorrenti odjern kienu gia` jezistu fil-Kodici Kriminali fil-mument meta twettqu l-istess reati;

5.7. Illi l-fatt li r-rikorrenti ma jikkondividix il-motivazzjoni tal-qorti in dizamina u li ma jaqbilx mar-raguni minnha migjuba ghaliex ma laqghetx it-talba imressqa quddiemha li r-reati lilu addebitati kellhom jigu meqjusa bhala reat kontinwat, ma jammontax

awtomatikament ghal ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

5.8. Illi finalment, anke jekk ghall-grazzja tal-argument jirrizulta xi ksur ta' drittijiet fundamentali, ghalkemm ribattuti bil-qawwa, il-mera dikjarazzjoni li effettivament kien hemm tali ksur ta' dawn id-drittijiet ghandha tkun sufficjenti;

6. Rat id-dokumenti esebiti;

7. Rat il-verbal datat it-18 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu, wara qbil bejn l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex it-trattazzjoni tal-procedura ssir b'mod skritt fil-modalita` hemm indikata u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza;

8. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat it-13 ta' Settembru, 2013, li permezz tieghu talab li jkun awtorizzat jissottometti n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu stante li z-zmien precedentement moghti kien skada;

9. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Settembru, 2013, u dak ulterjuri datat is-26 ta' Settembru, tal-istess sena, fejn ghar-ragunijiet hemm riferiti wara li laqghet it-talba tar-rikorrenti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u irrizervat li tiffissa data ulterjuri ghar-risposta tal-intimat u ghas-sentenza *de quo* wara li tesplora l-istess mal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fl-udjenza;

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, (ara fol 68);

11. Rat in-nota responsiva tal-intimat (ara fol 76);

12. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-8 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li l-kawza hi issa matura ghas-sentenza;

13. Semghet ix-xhieda prodotta;

14. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tista' tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

15.1. Illi r-rikorrenti kien qed jiffaccja diversi akkuzi fi proceduri ta' natura kriminali fil-Qorti tal-Magistrati;

15.2. Illi fl-istess proceduri, l-istess rikorrenti kien iddikjara li kien lest jammetti l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu;

15.3. Illi pero` jidher li impona kondizzjoni ghall-istess, stante li din l-ammissjoni issottomettiha ghall-kundizzjoni li l-prosekuzzjoni kellha titlob li l-akkuzi separati dedotti kontra r-rikorrenti odjern jigu kkunsidrati bhala reat kontinwat;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi skont id-depozizzjoni tal-ufficcjal prosekutur involuta jirrizulta li fis-seduta in dizamina tal-15 ta' Mejju, 2012:

16.1. Kien hemm diversi kawzi indirizzati kontra r-rikorrenti odjern;

16.2. Illi dawn il-kawzi kienu jikkoncernaw diversi reati;

16.3. Illi l-mezz uzat f'dawn l-istess kawzi kienu vetturi differenti;

16.4. Illi waqt is-smiegh tal-kawzi *de quo* issostni li kienet avvicinata mill-abbli rapprezentant legali tal-akkuzat, (ir-rikorrenti odjern);

16.5. Illi l-istess abbli rapprezentant legali riferit fil-paragrafu precedenti talab lill-qorti biex ir-rati jingabru f'akkuza wahda u li fin-nuqqas t'oggezzjoni tal-ufficcjal prosekutur, jigi mizjud l-artiklu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara fol 51);

16.6. Illi effettivament l-istess ufficcjal prosekutur fuq riferita issostni li sar kif indikat fil-paragrafu precedenti;

16.7. Illi l-istess ufficcjal prosekutur issostni li l-Magistrat sedenti oggezzjona ghall-proposta indikata;

16.8. Illi in effetti l-istess Magistrat kolpit bl-istess kawzi anke iddikjara espressament fis-sentenzi in dizamina li fil-fatt ma kienux jezistu c-cirkostanzi xierqa biex ir-reat partikolari jitqies bhala reat wiehed kontinwat u bhala raguni ghal din il-konkluzjoni ddikjara li r-reat in dizamina sar b'vettura differenti min dik tar-reati l-ohra, (ara fol 29 u fol 32);

Ikkunsidrat:

17. Illi f'zewg sentenzi meritu tal-procedura odjerna, (ara fol 41 u fol 45), it-talba tad-difiza fuq riferita giet effettivament milqugha mill-qorti u ttiehdet in konsiderazzjoni mill-istess qorti fis-sentenzi rispettivi taghha;

18. Illi s-sentenzi in dizamina nghataw kollha wara l-ammissjoni ghall-akkuzi da parti tal-akkuzat;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi ghandu jkun pacifiku li l-verzjonijiet tal-fatti li allegatament sehhew quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kif esposti mill-partijiet f'din il-procedura huma xi ftit jew wisq kontrastanti, u dan, stante:

19.1. Illi r-rikorrenti jsostni li "d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu illi l-Qorti titratta fuq dawn l-akkuzi kollha kontestwalment ma' diversi akkuzi li kienu qed jingiebu kontra l-istess akkuzat fl-istess jum u dan halli jigi applikat "il-kontinwat" ," (ara fol 1);

19.2. Illi l-intimat isostni minflok li bhala fatt dak li effettivament gara fl-udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien li tressaq l-akkuzat biex iwiegeb ghal diversi reati tat-traffiku kommessi f'perjodi diversi izda, f'udjenza wahda;

Ikkunsidrat:

20. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta li r-rikorrenti odjern, qisu qed jindika li meta jkun hemm xi forma ta' ftehim bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni, dan fih innifsu, jorbot idejn il-gudikant li jkun qed jippresjiedi;

21. Illi dan mhux minnu u ma japplikax stante li l-indipendenza tal-gudikant ghandha wkoll testendi ghall-ezercizzju tad-diskrezzjoni ragunata u legalment suffragata fuq il-piena;

22. Illi dan qed jinghad ukoll minghajr pregudizzju ghall-fatt li fl-atti odjerni jirrizulta nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet kontendenti ghal dak li jirrigwarda x'effettivament gara fil-Qorti tal-Magistrati;

23.0. Illi ghalhekk, f'dan ir-rigward, thoss li m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li toqghod fuq ir-rizultanzi materjali ipprezentati in atti li sintetikament jindikaw is-segwenti:

23.1. Illi qablu jew ma qablux id-difiza u l-prosekuzzjoni, fuq il-kwistjoni li qamet fil-Qorti tal-Magistrati rigwardanti r-reat kontinwat, jirrizulta li l-istess Qorti tal-Magistrati hadet dan il-fatt in konsiderazzjoni fis-sentenzi taghha in dizamina u indikat dana espressament fis-sentenzi *de quo*;

23.2. Illi in effetti sahansitra jirrizulta wkoll li l-istess Qorti tal-Magistrati accettat dan l-argument sollevat mid-difiza f'zewg sentenzi partikolari, (ara fol 41 u fol 45), u ikkonsidratu favur l-akkuzat;

23.3. Illi pero` fiz-zewg sentenzi l-ohra, (ara fol 29 u fol 32), wara li wkoll hadet in konsiderazzjoni tal-istess talba tad-difiza, cahdet l-istess talba u *di piu`* jirrizulta li tat ukoll

ir-raguni ghaliex ghamlet hekk – u dan, effettivament ghaliex ir-reati postulati kienu ikkunsmati bl-uzu ta’ vettura differenti;

23.4. Illi in vista tas-suespost ghandu ghalhekk ikun pacifiku li konkluzjoni li reati ikkonsmati f’dati differenti u b’vetturi differenti, jikkostitwixxu reat kontinwat tkun wahda difettuza fil-logika u ghalhekk isostenibbli;

23.5. Illi ghalhekk ir-rigettazzjoni tat-talba tad-difiza f’dawn iz-zewg (2) sentenzi partikolari kien effettivament att dovut;

Ikkunsidrat:

24. Illi ghandu jkun pacifiku li l-kawza odjerna hi wahda ta’ natura kostituzzjonali fejn qed jigi rikjamat ksur ta’ drittijiet fundamentali minhabba l-agir fuq sintetikament elenkat;

25. Illi jirrizulta pero` li r-rikorrenti halla t-terminu tal-appell li seta’ jutilizza bil-kumdita` jiskadi inutilment billi ghazel li jiddeklina li jezercita r-rimedju ordinarju li facilment seta’ juza biex ikun jista’ jindirizza kwalunkwe lanjanza li kien jidhirlu li timmerita l-approfondiment tad-*doppio ezame*;

26. Illi in effetti din il-mankanza tar-rikorrenti anke laqtet l-attenzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li fid-decizjoni taghha fl-istess ismijiet datata t-13 ta’ Gunju, 2013, wkoll irrimarkat awtorevolment fir-rigward, (ara paragrafu tletin, (30), fol 20);

Ikkunsidrat:

27. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti naqas li jezawrixxi l-azzjonijiet kollha lilu spettanti stante li r-rikorrenti odjern naqas li jezawrixxi l-azzjonijiet tal-appell lilu spettanti wara s-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati in dizamina;

**DECIDE:**

28.0. Ghaldaqstant, in vista tal-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tenut kont tas-suespost, din il-qorti filwaqt li:

28.1. Tiddikjara li hi sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrenti Ryan Briffa skont il-ligi;

28.2. Tiddikjara li l-istess rikorrenti Ryan Briffa naqas li jezercita tali rimedji minn jeddu;

28.3. Tirrifjuta ghalhekk li tezercita s-setghet taghha skont is-sub-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

28.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------